MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**DAVID SCICLUNA**

Seduta tas-27 ta' Frar, 2008

Appell Kriminali Numru. 238/2007

**Il-Pulizija**

**v.**

**Mark Lawrence Rizzo**

Il-Qorti,

Rat l-akkuza migjuba mill-Pulizija Ezekuttiva kontra Mark Lawrence Rizzo talli:

(1) Fid-29 ta’ Settembru 2005 u fiz-zminijiet ta’ qabel f’dawn il-Gzejjer b’diversi atti maghmulin fi zminijiet differenti li jiksru li istess disposizzjoni tal-ligi u li gew maghmulin b’rizoluzzjoni wahda b’mezzi kontra l-ligi jew billi ghamel uzu ta’ ismijiet foloz jew ta’ kwalifiki foloz jew billi inqeda b’qerq iehor, ingann jew billi wera haga b’ohra sabiex igieghel titwemmen l-ezistenza ta’ intraprizi foloz jew ta’ hila, setgha fuq haddiehor jew ta’ krediti

immaginarji jew sabiex iqanqal tama jew biza’ dwar xi grajja kimerika ghamel qliegh ta’ Lm6000 bi hsara ta’ Nathaniel Gatt;

(2) Fl-istess cirkostanzi ghamel qliegh b’qerq ta’ Lm6000 ghad-detriment ta’ Nathaniel Gatt;

(3) Fl-istess cirkostanzi approprja ruhu billi dawwar bi profitt ghalih jew ghal xi persuna ohra mis-somma ta’ aktar minn Lm6000 li giet fdata jew ikkunsinnata lilu taht titolu illi jgib l-obbligu tar-radd tal-haga jew li jsir uzu minnha specifikat, ghad-detriment ta’ Nathaniel Gatt u Raymond Sultana;

(4) Fl-istess cirkostanzi, hedded bil-fomm lil Nathaniel Gatt b’delitt u imponielu ordni jew kundizzjoni;

(5) Sar recidiv ghat-termini ta’ l-artikoli 49 u 50 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta wara li gie kkundannat ghal reati b’sentenzi mill-Qrati tal-Magistrati u ta’ l-Appell li saru definittivi;

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali tal-11 ta’ Gunju 2007, li permezz taghha dik il-Qorti, wara li rat l-artikoli 18, 308, 309, 310, 268, 269, 251, 49, 50, 31, 20, 23 u 533 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, sabet lill-imsemmi Mark Lawrence Rizzo hati ta’ l-imputazzjonijiet dedotti u kkundannatu ghal piena karcerarja ta’ sentejn bit-tnaqqis taz-zmien li ghamel taht arrest preventiv in konnessjoni ma’ dan il-kaz;

Rat ir-rikors ta’ appell ta’ l-imsemmi Mark Lawrence Rizzo pprezentat fil-21 ta’ Gunju 2007 li permezz tieghu talab li din il-Qorti tirriforma s-sentenza appellata fis-sens li thassarha u tirrevokaha fil-parti tal-piena u minflok tigi mposta piena gusta ghall-kaz odjern;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Semghet it-trattazzjoni tad-difensuri tal-partijiet;

Ikkunsidrat:

Dan l-appell jirrigwarda l-piena. L-appellant fl-ewwel lok jghid li l-piena hi eccessiva. Jilmenta li l-ewwel Qorti, filwaqt li sahqet fuq l-aspett retributtiv u deterrent tal-piena, ma tatx l-importanza misthoqqa lill-aspett riformattiv. Ghalhekk isostni li l-piena nflitta kemm fil-kwalita` kif ukoll fil-kwantita` ma tohloqx bilanc bejn dawn l-aspetti tal-piena. F'dar-rigward jaghmel referenza ghas-sentenza ta' din il-Qorti fl-ismijiet **Il-Pulizija v. Stephen Spiteri** tat-22 ta' Settembru 1993.

Issa, in materja ta' piena l-principju regolatur huwa li din il-Qorti mhux normali li tiddisturba d-diskrezzjoni ta' l-ewwel Qorti fl-ghoti tal-piena sakemm din ma tkunx tohrog barra mil-limiti stipulati fil-ligi u ma jkun hemm xejn x'jindika li kellha tkun inqas minn dik li tkun fil-fatt inghatat[1].

Issa, ir-reati li dwarhom l-appellant instab hati huma dawk kif addebitati mill-Avukat Generali fin-nota tieghu ta' rinviju ghall-gudizzju tat-13 ta' Gunju 2006. L-ewwel reat addebitat huwa dak ta' frodi b'ghemil qarrieqi skond l-artikolu 308 tal-Kodici Kriminali b'referenza ghall-artikolu 310 in kwantu tirrigwarda l-piena. Minn ezami li din il-Qorti ghamlet tal-provi jirrizulta illi kien hemm okkazjonijiet fejn il-vittma Nathaniel Gatt ivversa lill-appellant somom in eccess ta' Lm1,000, ossia 2329.37 euro. Ghalhekk hi applikabbli l-piena skond il-paragrafu (a) tas-subartikolu (1) ta' l-imsemmi artikolu 310. Kwindi hija applikabbli l-piena ta' prigunerija minn tlettax-il xahar sa seba' snin li tista' tizdied minn grad sa zewg gradi stante li hawn si trattava ta' reat kontinwat – jigifieri l-piena <u>minima</u> tista' titla' ghal tmintax-il xahar prigunerija b'zieda ta' grad u ghal sentejn prigunerija b'zieda ta' zewg gradi. Imbaghad irid jizdied minn terz sa nofs il-piena ghar-reat kontemplat fl-artikolu 251 tal-Kodici Kriminali (vjolenza kontra l-privat), cioe` minn terz sa nofs il-piena ta' prigunerija minn hames xhur sa tmintax-il xahar.  Apparti dan kollu, l-appellant

---

[1] Ara, fost ohrajn, Appelli Kriminali: **Il-Pulizija vs Nikola Farrugia et**, 2 ta' Ottubru 2002; **Il-Pulizija vs Maurizio Massimiliano**, 13 ta' Novembru 2003; **Ir-Repubblika ta' Malta vs David Vella**, 14 ta' Gunju 1999; **Ir-Repubblika ta' Malta vs Eleno sive Lino Bezzina**, 24 ta' April 2003.

instab hati li hu recidiv u ghalhekk il-piena tista’ tizdied bi grad iehor. Jigifieri l-piena taqa’ fil-parametri tal-ligi.

Pero` l-ewwel Qorti sabet lill-appellant hati “tal-akkuzi kif dedotti”. Issa, it-tieni reat addebitat mill-Avukat Generali huwa dak ikkontemplat fl-artikolu 309 tal-Kodici Kriminali, cioe` r-reat ta’ qligh b’qerq mhux imsemmi fl-artikoli ta’ qabel. F’dan il-kaz ghalhekk huwa reat alternattiv ghal dak ta’ frodi b’ghemil qarrieqi li, minn ezami li din il-Qorti ghamlet tal-provi, jirrizulta ampjament. Jidher li ciononostante, l-ewwel Qorti sabitu hati anke ta’ dan ir-reat. Huwa minnu li fuq dan il-punt l-appellant ma appellax, izda din il-Qorti ma tistax tinjora l-fatt li l-ewwel Qorti ma hadet l-ebda konsiderazzjoni ta’ dan il-fattur meta giet biex timponi l-piena. Barra minn hekk l-Avukat Generali ghal xi raguni ccita l-artikoli 268 u 269 tal-Kodici Kriminali li ma humiex applikabbli ghall-kaz odjern; l-artikolu 268 jipprovdi dwar meta serq ikun ikkwalifikat bil “persuna” filwaqt li l-artikolu 269 jipprovdi dwar meta serq ikun ikkwalifikat bil “lok”. Anke hawn l-ewwel Qorti ma qalet xejn. Ghalhekk meta l-ewwel Qorti mponiet il-piena, x’aktarx dan ghamlitu a bazi ta’ l-imputazzjonijiet addebitati originarjament u mhux skond in-nota ta’ rinviju ta’ l-Avukat Generali. Kwindi ghandu jkun hemm temperament fil-piena.

Din il-Qorti pero` ma tistax tara kif tista’ tinfliggi piena alternattiva ghal dik ta’ prigunerija. Jirrizulta li fil-proceduri quddiem l-ewwel Qorti, l-appellant baqa’ jichad li kien ha xi flus minghand Nathaniel Gatt u kien biss fir-rikors ta’ appell li ammetta li kien ghamel hekk. Inoltre ma jirrizultax illi l-appellant ghamel xi tentattiv biex jirrizarcixxi lil Gatt. Barra minn hekk mill-fedina penali tieghu u mis-sentenza esebita bhala prova tar-recidiva (Dok. S a fol. 82) ma jirrizultax li din kienet l-ewwel darba illi l-appellant instab hati ta’ agir frawdolenti.

Fit-tieni lok, l-appellant jilmenta li z-zmien li ghamel taht arrest domiciljarju, u li jghid kien ta’ circa tmien xhur, ma gie rifless fl-ebda tnaqqis fl-impozizzjoni tal-piena mill-ewwel Qorti. Huwa rrefera ghas-sentenza tal-Qorti Ewropeja dwar id-Drittijiet tal-Bniedem tat-30 ta’ Gunju

2006 fl-ismijiet **Pekov v. Bulgaria** fejn jghid illi dik il-Qorti ddikjarat illi l-*house arrest* effettivament jikkwalifika bhala arrest. Jghid illi dan il-kuncett gie anke applikat mill-Qrati taghna fis-sentenza **Ir-Repubblika ta' Malta v. El Gamoudi Nabel Mohamed et** tat-8 ta' Marzu 2005 fejn il-Qorti ordnat illi mill-piena karcerarja nflitta kellha titnaqqas kemm iz-zmien li l-akkuzat kien ghamel arrestat fil-Facilita` Korrettiva ta' Kordin kif ukoll iz-zmien li ghamel taht *house arrest*.

Din il-Qorti kif presjeduta diga` kellha okkazjoni tippronunzja ruhha fuq jekk perijodu taht hekk imsejjah *house arrest* ghandux jitnaqqas mill-piena ta' prigunerija fis-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija v. Johan Sultana et** moghtija fis-26 ta' Jannar 2007:

"L-artikolu 22 tal-Kap. 9 jipprovdi ghal tnaqqis minn sentenza ta' prigunerija ta' **'kull zmien qabel id-dikjarazzjoni ta' htija u l-kundanna li tulu l-ikkundannat ikun inzamm <u>fil-habs</u> ghar-reat jew reati li tieghu jew taghhom huwa jkun gie hekk misjub hati u kkundannat'** (sottolinear ta' din il-Qorti). *House arrest* mhuwiex ekwiparabbli ma' li persuna tkun qed tinzamm 'fil-habs'. L-hekk imsejjah *house arrest* huwa meqjus biss bhala kondizzjoni fost ohrajn li jinghataw fl-ghoti tal-helsien mill-arrest u strettament ghalhekk li wiehed jitkellem fuq *house arrest* huwa *'a misnomer'*, peress illi ghalkemm huwa minnu illi tali persuna ma tkunx libera illi ticcirkola fil-pajjiz kif trid hi, hija tkun qieghda fis-sigurta` ta' darha minghajr ma tkun qed tiffaccja dak kollu li jfisser 'habs'. Naturalment xejn ma jostakola li Qorti, fl-ghoti tal-piena, tikkunsidra dan bhala wiehed mill-fatturi li jkun wassalha ghal *quantum* partikolari."[2]

B'referenza ghas-sentenza **Pekov v. Bulgaria**, dik kienet tittratta (1) il-vjolazzjoni tad-dritt ta' l-applikant li jingieb quddiem imhallef jew funzjonarju iehor awtorizzat b'ligi biex jezercita setgha gudizzjarji garantit mill-artikolu 5(3)

[2] Ara wkoll **Ir-Repubblika ta' Malta v. Dr. Patrick Vella LL.D.**, Qorti Kriminali, 13 ta' Marzu 2007 u **Ir-Repubblika ta' Malta v. Ivan Cauchi**, Qorti Kriminali, 3 ta' Lulju 2007 (din ta' l-ahhar appellata).

tal-Konvenzjoni Ewropea ghall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u tal-Libertajiet Fundamentali – il-*pre-trial detention* ta’ l-applikant kien gie ordnat minn investigatur u kkonfermat minn prosekutur u l-*house arrest* sussegwenti tieghu kien gie ordnat minn prosekutur; (2) il-vjolazzjoni tad-dritt ta’ l-applikant ghal proceduri fi zmien ragonevoli jew ghal helsien waqt pendenza tal-proceduri wkoll garantit mill-artikolu 5(3) tal-Konvenzjoni – ma ngabet l-ebda gustifikazzjoni mill-awtoritajiet ghad-deprivazzjoni ta’ liberta` ta’ l-applikant ghal perijodu ta’ tliet snin u kwazi sitt xhur u li parti sostanzjali minn dak il-perijodu kien taht *house arrest* – u (3) il-vjolazzjoni tad-dritt sancit mill-artikolu 5(4) ta’ l-istess Konvenzjoni – sa l-1 ta’ Jannar 2000 is-sistema legali tal-Bulgarija ma kinitx tipprovdi ghal rimedju biex tigi determinata l-legalita` ta’ *house arrest*.

Il-fattispecje ta’ dak il-kaz huma l-ewwelnett totalment differenti minn dak hawn in ezami. F’dan il-kaz, meta l-appellant kien tressaq quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti Istruttorja, wara li saret talba ghall-helsien mill-arrest, il-Qorti kif presjeduta laqghet it-talba bil-kondizzjoni ta’ *“house arrest”* u li *“johrog biss sabiex jirregistra skond meta jigi mitlub”* kif ukoll versu garanzija personali ta’ Lm10,000. L-appellant accetta dawn il-kondizzjonijiet kif jirrizulta mid-dokumenti minnu ffirmati (a fol. 6 u 7 tal-process). Sussegwentement l-appellant ghamel numru ta’ talbiet quddiem il-Qorti Istruttorja (diversament presjeduta) sabiex titnehhilu l-kondizzjoni li ma johrogx mir-residenza tieghu (rikorsi tal-31 ta’ Ottubru 2005, 6 ta’ Dicembru 2005, 27 ta’ Jannar 2006 u 10 ta’ Marzu 2006). Huwa minnu li din it-talba ma gietx milqugha mill-ewwel, izda dan kollu jindika li s-sitwazzjoni kienet qed tigi riveduta kull darba li l-appellant ghamel talba *ad hoc.* Ta’ min jghid ukoll li fis-seduta tad-9 ta’ Dicembru 2005 l-appellant talab lil dik il-Qorti li jkun awtorizzat jattendi ghal intervista l-ETC, u din it-talba giet milqugha mill-Qorti. Fit-22 ta’ Marzu 2006, l-ewwel Qorti varjat il-kundizzjoni li l-appellant jibqa’ taht *house arrest* u awtorizzatu johrog mis-7.30 a.m. sad-9.00 p.m. u li jiffirma l-Ghassa tal-Pulizija tar-Rabat kull nhar ta’ Erbgha u nhar ta’ Sibt. Il-perijodu kollu li l-appellant dam taht il-kundizzjoni li ma johrogx mid-dar tieghu kien mill-4 ta’

Ottubru 2005 sat-22 ta’ Marzu 2006, perijodu ta’ hames xhur u tmintax-il gurnata – mhux circa tmien xhur kif jghid l-appellant fir-rikors ta’ appell tieghu.

Fil-fehma ta’ din il-Qorti, in vista tal-fatt li t-tnaqqis mandatorju msemmi fl-artikolu 22 tal-Kodici Kriminali japplika biss meta l-persuna kkundannata tkun inzammet “fil-habs” u mhux meta tkun qaghdet god-dar taghha, u in vista tal-fatt li l-piena hija wahda minima fic-cirkostanzi tal-kaz, din il-Qorti hi tal-fehma li l-appellant ma jimmerita l-ebda tnaqqis iehor mill-piena.

Ghal dawn il-motivi:

Tiddeciedi billi tirriforma s-sentenza appellata, tirrevokaha in kwantu kkundannat lill-appellant sentejn prigunerija u minflok tikkundannah ghal prigunerija ghal perijodu ta’ wiehed u ghoxrin xahar u, sabiex tnehhi kull dubju dwar liema reati huwa nstab hati, tiddikjara li s-sejbien ta’ htija tirreferi biss ghar-reati kontemplati fl-artikoli 308 (frodi b’ghemil qarrieqi) u 251 (vjolenza kontra l-privat) tal-Kodici Kriminali.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------